MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2009

Numru 682/2009

**IL-PULIZIJA
SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**KONTRA**

**CARMELO CASTRONOVO ta' 16-il sena, iben Gaetano u Rosalia nee' Messinesei, imwieled nhar it-13 ta' Novembru, 1992, Agrigento, Italja, residenti fil-fond Favara, Sambunca di Sicilia 1, Stato Libero, jew 8042, La Vallette, Triq Dragonara, San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' numru AN 9020610;**

**SALVATORE CUSUMANO ta' 18-il sena, iben Giuseppe u Antonella nee' Carlino, imwieled nhar il-11 ta' Jannar, 1991, Agrigento, Italja, u residenti Favara, Ungheria 21, Stato Libero, jew 8042, La Vallette, Triq Dragonara, San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' numru AN 4678358;**

**RUSSOTTO GIUSEPPE ta' 19-il sena, iben Vincenzo u Rosa nee' Matina, imwieled nhar it-2 ta' Lulju, 1990 Palermo, Italia, residenti Favara, Brodolini Giacomo**

**35, Stato Libero, jew 8042, La Vallette, Triq Dragonara, San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' numru AN 6241664;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **CARMELO CASTRONOVO** u **SALVATORE CUSUMANO** u **RUSSOTTO GIUSEPPE** li gew akkuzati talli:

1. F'dawn il-Gzejjer nhar l-14 ta' Lulju, 1990 ghall-habta tat-tmienja u nofs (8.30pm), minn gewwa Kamra 8069, La Vallette, Triq id-Dragonara, San Giljan ikkommettew serq ta' €400 fi flus kontanti ghad-dannu ta' Inka Talli liema serq huwa aggravat bil-hin, ammont (aktar minn €233 pero inqas minn €2,330), u bil-vjolenza.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji fil-konfront tat-tliet imputati;

Rat l-ammissjoni bikrija tat-tliet imputati, kif ukoll il-fatt illi rritornaw ir-res furtiva (vide DOK MH u DOK MH1);

Rat il-fedina penali netta;
Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 261, 262, 267, 278, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib htija;
Rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn(2).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------